# L-Eżami Nazzjonali tas-Sitt Sena tal-Primarja
# IL-MALTI 2011
## L-Eżami tal-Kitba - L-Iskema tal-Marki

■ Tnaqqasx marki lill-istudenti li jwieġbu bl-ortografija ta' qabel id-*Deċiżjonijiet 1* (maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti).
■ Aċċetta kliem miktub bl-Ingliż li jkun fil-virgoletti jew li jkun miktub b'linja taħtu. Aċċetta wkoll il-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti, imma dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.

| **A1+2 Il-kitba ta' invit (10 marki)** | |
|---|---|
| **Kitba tajba 8-10 marki** | invit bid-dettalji kollha mistennija ■ invit konvinċenti, tixtieq kieku tattendi l-okkażjoni ■ ortografija tajba ħafna |
| **Kitba medja 4-7 marki** | invit b'xi dettalji ■ iħajrek imma mhux daqshekk konvinċenti ■ ortografija b'xi żbalji |
| **Kitba batuta 0-3 marki** | invit b'ħafna dettalji nieqsa ■ ma jħajrekx tattendi ■ kitba mimlija żbalji ortografiċi |

| **B1 Il-kitba tal-pjan ta' djalogu (4 marki)**<br><br>**(Tnaqqasx marki minħabba żbalji tal-ortografija u tal-grammatika)** | |
|---|---|
| **Tħejjija tajba 4 marki** | tħejjija bid-dettalji kollha mitluba ■ id-dettalji huma relevanti mas-suġġett |
| **Tħejjija medja 2-3 marki** | tħejjija mhux bid-dettalji kollha ■ id-dettalji mhux għal kollox b'rabta mas-suġġett |
| **Tħejjija batuta 0-1 marki** | tħejjija mingħajr dettalji ■ id-dettalji mhux marbuta mas-suġġett. |

**B2 Il-kitba tad-djalogu (16-il marka)**

| **Tajba** | **Medja** | **Batuta** | |
|---|---|---|---|
| **4** | **3-2** | **1-0** | kitba bil-karatteristiċi kollha tad-djalogu; kitba loġika u ċara |
| **4** | **3-2** | **1-0** | kitba marbuta mas-suġġett* b'mod oriġinali, maqsuma f'battuti distinti u li jorbtu daqskemm jiżviluppaw is-suġġett |
| **4** | **3-2** | **1-0** | għażla ta' kliem u użu ta' idjoma Maltija skont il-kuntest |
| **4** | **3-2** | **1-0** | tħaddim preċiż tal-ortografija u tal-grammatika |

* Kitba li mhix marbuta mas-suġġett m'għandhiex tikkwalifika b'mod totali għal aktar minn 7 marki.